# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors numru 881/2015/1 MCH**

**Joshue Agius**
***v.***
**Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar 2018 li ħelset lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju wara li sabet illi l-azzjoni tal-attur taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv tal-konvenut waqgħet b'dekadenza.

2. L-attur kien ingaġġat fil-Forzi Armati ta' Malta iżda tkeċċa wara passi dixxiplinari li ttieħdu kontrih wara li kien mixli li bla permess kien, flimkien

ma' oħrajn, xerred fuq siti elettroniċi filmant ta' eżerċizzju ta' taħriġ tal-armata. L-attur igħid illi ma tressqux provi li hu kien tassew fost dawk li xerrdu l-filmat; igħid ukoll illi l-proċeduri dixxiplinari tmexxew kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u saret ukoll diskriminazzjoni kontra tiegħu għax oħrajn li wkoll tqiesu li kienu fost dawk li xerrdu l-filmat ma tkeċċewx bħal ma tkeċċa hu. Għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi d-deċiżjoni tal-intimat li jittermina l-ingaġġ tar-rikorrenti fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta kienet deċiżjoni *ultra vires* li tikser id-dispost tal-artikolu 469A. (1) (ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> »2. tiddikjara li għalhekk l-istess deċiżjoni hija nulla, invalida u mingħajr effett;
>
> »3. tiddikjara illi konsegwentement l-intimat ikkawża danni lir-rikorrenti;
>
> »4. tilliwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;
>
> »5. tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata … … …;
>
> »bl-ispejjeż u bl-imgħax.«

3. Il-konvenut ressaq din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

> »Preliminarjament l-esponent jeċċepixxi illi din l-azzjoni hija milquta bid-dekors tas-sitt (6) xhur, u dan *ai termini* tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, … … … Ir-rikorrent ġie infurmat illi l-ingaġġ tiegħu fil-Forzi Armati ta' Malta ġie terminat nhar is-17 ta' Marzu 2015 u l-kawża odjerna ġiet ippreżentata nhar it-22 ta' Settembru 201»5 u hija għaldaqstant milquta bid-dekandanza tas-6 xhur liema perjodu rna huwiex soġġett għal sospenzjoni jew interruzzjoni permezz ta' att pudizzjarju.«

4. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni u ħelset lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »L-attur tkeċċa mill-armata wara passi dixxiplinari li ttieħdu kontrieh mill-uffiċjali fl-armata. Hu fetaħ kawża fit-22 ta' Settembru 2015 biex jikkontesta din id-deċiżjoni a bażi tal-artikolu 469A(1)(*b*)(ii) tal-Kap. 12, *cioè* fejn awtorità pubblika naqset li tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.
>
> »Il-qorti mhix ser tidħol fil-mertu tal-azzjoni innifsha iżda ser tillimita ruħha għall-ewwel preġudizjali *cioè* jekk il-kawża nfitħitx *entro* sitt xhur.
>
> »… … …

> »Il-qorti tqis illi mill-provi prodotti u senjatament ix-xiehda stess tal-attur mogħtija f'żewġ okkażjonijiet separati jikkonfermaw illi l-attur kien jaf espliċitament bit-tkeċċija tiegħu fit-18 ta' Marzu 2015. Fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2016 hu jixhed
>
> > »"Jiena fis-17 ta' Marzu, it-Tnejn, tlajt quddiem il-brigadier u qalli li tkeċċejt mill-*army* u l-għada jiena mort għax-xogħol xorta għax is-surgent ordnali biex niġi għax-xogħol, u l-għada rċivejt l-ittra li tkeċċejt."
>
> »Fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2017 imbagħad spjega illi meta ssejjaħ quddiem il-brigadier fis-17 ta' Marzu 2017 kien ġà mgħarraf li kien ser jigi *discharged* iżda dan sar verbalment. Għalhekk hu jistqarr li ma kienx jaf meta kien ser jitkeċċa uffiċjalment. Mar għax-xogħol l-għada fil-għodu fit-18 ta' Marzu 2017 u s-surgent qallu li seta' jmur id-dar. Hu għalhekk ħa l-affarijiet tiegħu u ngħata d-dokument tad-*discharge* bl-idejn dak il-ħin. … … … Dan id-dokument juri li d-*discharge* daħal fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2015 għalkemm iċ-ċertifikat tas-servizz kellu jinħareġ wara, soġġett għal *clearance certificate* kif speċifikat fl-istess dokument. Il-qorti tqis illi dan id-dokument hu prova ċara illi l-attur ġie *discharged* fit-18 ta' Marzu 2015 għalkemm ġie mgħarraf li ser jitkeċċa fis-17 ta' Marzu 2015 u dan skond l-istess attur. L-attur kwindi kellu sitt xhur mit-18 ta' Marzu 2015 biex jikkontesta tali deċiżjoni liema perjodu jibda jiddekorri mid-19 ta' Marzu 2015 u jagħlaq fit-18 ta' Settembru 2018, *cioè* kif jiġu kunsidrati termini legali (ara artikolu 101 tal-Kap. 12).
>
> »Il-qorti ma għandhiex tidħol fix-xiehda tal-uffiċjali kollha li xehdu u li ikkonfermaw illi l-brigadier keċċa lill-attur effettivament fil-laqgħa li seħħet fis-17 ta' Marzu 2015 fejn l-attur ġie mgħarraf bit-tkeċċija. Din ix-xiehda u l-fatti marbuta mal-episodju kienu jassumu rilevanza li kieku l-kawża saret fit-18 ta' Settembru 2015 *cioè* l-Ġimgħa. Però f'dan il-każ il-kawża saret fit-22 ta' Settembru 2015, data li fiha kienu għaddew sitt xhur u erbat ijiem mit-18 ta' Marzu 2015 jekk għall-grazzja tal-argument il-qorti toqgħod biss fuq ix-xiehda tal-attur.
>
> »Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konveut li l-kawża saret *fuori termine* hi ġustifikata u qed tiġi milqugħa.«

5. L-attur appella b'rikors tat-2 ta' Marzu 2018 li l-konvenut wieġeb għalih fit-23 ta' Marzu 2018.

6. Effettivament l-aggravju tal-appell huwa illi l-ewwel qorti għamlet "apprezzament żbaljat tal-provi" dwar id-data sa meta l-attur seta' jiftaħ din il-kawża. Għalkemm l-attur jaqbel illi l-ewwel qorti qalet sew illi huwa ngħata avviż formali tad-deċiżjoni tal-konvenut fit-18 ta' Marzu 2015 u illi t-terminu ta' sitt xhur beda għaddej mid-19 ta' Marzu 2015, igħid iżda illi qalet ħażin illi t-terminu għalaq fit-18 ta' Settembru 2015 għax, igħid l-

attur, is-sitt xhur għaddew biss fid-19 ta' Settembru 2015. Billi d-19 ta' Settembru 2015 kien is-Sibt, u t-Tnejn 21 ta' Settembru kien festa nazzjonali, it-terminu għalaq fit-22 ta' Settembru 2015, proprju dakinhar li nfetħet il-kawża.

7. L-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv "għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv"; ma jgħidx kif hu meħtieġ li jsir jaf, jekk hux biżżejjed bil-fomm jew hix meħtieġa l-kitba, u għalhekk ladarba l-attur kien mgħarraf bil-fomm bid-deċiżjoni tal-konvenut fis-17 ta' Marzu 2015 għandu jitqies li sar jaf dakinhar. Għalhekk, billi *dies a quo non computatur in termino, dies ad quem computatur*, it-terminu beda għaddej mit-18 ta' Marzu 2015 u għalaq fis-17 ta' Settembru 2015 li kien il-Ħamis. Il-kawża għalhekk nbdiet tard, u l-appell tal-attur ma jistax jintlaqa'.

8. Iżda wkoll jekk, bħall-ewwel qorti, ngħidu illi l-attur jitqies li sar jaf bid-deċiżjoni fit-18 ta' Marzu 2015, meta kien mgħarraf formalment bil-miktub, u t-terminu għalhekk beda għaddej mid-19 ta' Marzu, is-sitt xhur għalqu nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru. Iż-żmien jitqies li għalaq fis-siegħa stabbilita għall-għeluq tar-reġistru. Għalhekk, jekk, kif igħid l-attur, is-sitt xhur f'dan il-każ jitqiesu li għalqu meta għalaq ir-reġistru fid-19 ta' Settembru 2015, billi *dies ad quem computatur* id-dsatax-il jum tax-xahar ikun tqies darbtejn, kemm f'Marzu u kemm f'Settembru, b'mod għalhekk li t-terminu jiġi ta' sitt xhur u jum u mhux ta' sitt xhur kif trid il-liġi.

9. Mela kemm jekk l-attur jitqies li sar jaf, jew seta' sar jaf, bid-deċiżjoni tal-konvenut fis-17 u kemm jekk fit-18 ta' Marzu 2015, f'kull każ is-sitt xhur kienu għaddew fit-22 ta' Settembru 2015, meta fetaħ il-kawża.

10. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell, li tqisu x'aktarx fieragħ, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell iħallashom l-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm